MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2448/1996/1

Agius Agricultural Trading Limited

Vs

Concorde International Freight Forwarders Ltd

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-25 ta’ Lulju 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li hu nkariga lis-socjeta’ konvenuta sabiex tittrasportalha kwantita ta’ pjanti tal-frawli ghal Malta, uhud minnhom minghand azjenda agricola Paolo Marchetti, ta’ Ferrara, Italia u ohrajn minghand Azienda Agricola Vivai Molari & Gatti, ta’ Cesena, Italia; illi rrizulta illi nonostante l-inakrigu lilha moghti, is-socjeta’ konvenuta naqset milli twettaq l-imsemmi inkarigu skond l-arti u s-sengha u dana billi tali pjanti tal-frawli twasslu minnha f’Malta fi stat li ma kienux utilizzabbli ghall-iskop li ghalih kienu intizi, u dana minhabba nuqqas ta’ hila u negligenza da parti tas-socjeta’ konvenuta; illi b’konsegwenza tal-imsemmi

nuqqas is-socjeta’ attrici sofriet danni rilevanti, konsistenti tali danni fil-valur tal-istess pjanti tal-frawli li meta waslu Malta ma kienux utilizzabbli ghall-iskop li ghalih kienu intizi, kif ukoll danni ohra, kompriz it-telf tal-profitt li s-socjeta’ attrici kienet taghmel mill-bejgh ta’ dawn il-pjanti, kollox kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi s-socjeta’ konvenuta naqset milli taghmel tajjeb ghad-danni hekk minnha kkagunati lis-socj eta’ attrici; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi li s-socjeta’ konvenuta naqset milli tezegwixxi skond is-sengha u l-arti l-inkarigu lilha moghti mis-socjeta’ attrici ghat-trasport ta’ kwantita’ ta’ pjanti tal-frawli mill-Italia ghal Malta u li konsegwentement s-socjeta’ konvenuta hi tenuta taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici b’konsegwenza ta’ tali nuqqas;
2. tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mis-socjeta’ attrici, komprizi l-valur ta’ l-istess pjanti tal-frawli li twasslu Malta fi stat mhux utilizzabbli ghall-iskop li ghalih kienu intizi, it-telf tal-prfitt li sofriet is-socjeta’ attrici b’konsegwenza ta’ dak in-nuqqas u dawk id-danni l-ohra kollha li jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici id-danni kollha hekk likwidati bis-sahha tat-tieni domanda.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mill-prezenti sal effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fil-11 ta’ Marzu 1997 li permezz taghha gie eccepit:-

1. illi l-attur kien jaf bir-riskji li kien hemm f’dan it-trasport tant li l-konvenut ma ridx jaghmel dan it-trasport u minkejja dan l-attur xorta insista mal-konvenut u ghazel li jaghmel ix-xoghol – pero’ il-partijiet lahqu ftehim illi l-konvenut ma jkunx responsabbli ghall-hsarat li talvolta setghu jinqalghu minhabba n-natura tal-merkanzija (fil-fatt l-attur lanqas biss assikura din il-merkanzija) – infatti l-konvenuti kienu qalu lill-attur li ma kienux attrezzati mill-makkinarju adegwat ghal gar ta’ dan ix-xoghol pero’

minkejja dan l-attur insista li l-konvenuti igibuh b'dan li r-riskju kien qieghed jzommu hu.

2. Illi wahda mill-kondizzjonijiet tat-trasport provdut mill-konvenuti hu illi jekk il-merkanzija jinhtigilha li tkun "refrigerated" dan ghandu jigi indikat mill-kummercant lill-konvenut bil-miktub (Dok A Klawsola ii) jirrizulta li l-attur fl-ebda mument ma informa bil-miktub lill-konvenut li l-merkanzija kien jehtigilha tkun refrigerated u ma ta ebda struzzjonijiet f'dan ir-rigward la bil-fom u lanqas bil-miktub u ghalhekk il-konvenut mhux responsabbli tal-hsarat rizultanti minn tali nuqqas; b'hekk la l-attur naqas milli josserva dawn il-kondizzjonijiet il-konvenut skond l-istess klawsola mhux responsabbli tal-hsarat imsemmija; Dok D u E jindikaw illi "Goods are handled subject to Standard Trading Conditions".

3. Illi meta l-container ma giex mghobbi gi Livorno peress li gie imwaqqaf mill-Awtoritajiet Doganali ta' hemm dan ma kienx tort tal-konvenuti u dawn, minkejja li ma kienux tenuti jaghmlu hekk, xorta haznu il-container f'depot bil-friza proprju biex jippruvaw jsalvaw il-merkanzija ta' l-atturi.

4. Illi ghalhekk il-konvenuti ma kienu bl-ebda mod megligenti f'xogholhom u ma jahtu bl-ebda mod ghal hsarat subiti fil-merkanzija. Il-hsara grat tort ta' l-attur u f'kull kaz il-konvenuti ma kellhomx kontroll fuq l-akkadut; gja kien hemm korrispondenza fuq dan ir-rigward Dok B u C.

5. Illi kien l-attur li kien negligenti peress li minkejja li kien jaf li biex jelimina riskji il-merkanzija kien jehtigilha trasport fi friza hu xorta ma ordnax tali tip ta' trasport u kienet din ir-raguni principali tal-hsara subita peress illi dewmien minhabba ragunijiet doganali hi haga li tista tigri f'kull trasport.

6. Illi l-attur ghadu debitur ta' dan ix-xoghol fis-somma ta' LM974.81.

7. Illi minghajr pregudizzju u f'kull kaz skond il-CMR Convention Art 23 li tahtu taqa din il-merkanzija u taht klawsola 28A ta' Dok A il-konvenuti huma responsabbli biss limitatament kif hemm indikat.

Ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Mejju 1997 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-23 ta' Gunju 1997 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Gunju 1997 meta gie mahtur bhala assistant gudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci biex tigbor il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.
Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Gunju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fis-sena 1995 is-socjeta' attrici bhala importarici ta' makkinarju u effetti agrikoli, kienet ikkuntrattat mas-socjeta' konvenuta li biha kienet tinqghedha regolarment, biex tohdilha hsieb l-importazzjoni ta' zewg konsenji xtili tal-Frawli minn Livorno l-Italia lejn Malta. Dawn iz-zewg konsenji gew mghobbija fi trailer operat mis-socjeta' konvenuta biss, minhabba xi raguni teknika fid-Dwana tal-Port ta' Livorno, it-trailer contenenti din il-merkanzija gie mizmum milli jitla' abbord u ghalhekk it-trasport, miflokk ha erbat ijiem kif kien mistenni, damm ghal cirka ghaxart ijiem bir-rizultat li l-istess xtili ddeterjoraw u grat hsara kbira f'parti sostanzjali mill-konsenja. Is-socjeta' attrici qed isostni li ghad-danni li hija sofriet bhala rizultat, minhabba nuqqas ta' bejgh, spejjes incidentali u rimpjazzament ta' xtili li ma kienux accettabbli ghall-konsumatur, ghandha taghmel tajjeb is-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta qed isostni li t-talba attrici ma ghandhiex tigi akkolta billi:-
a) fl-ewwel lok din il-merkanzija kien jehtigilha container refrigerat u hi ma kienetx ekwipaggata b'tali

containers izda b'dana kollu, tghid is-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici insistit li t-trasport jsir mill-konvenut u li l-istess socjeta' attrici assumiet responsabbilita' ghal dak li seta' jigri.

b) Fit-tieni lok is-socjeta' konvenuta qed isostni li dak li gara ma kienx rizultat ta' xi nuqqas taghha izda kien kawzat minhabba fattur indipendenti mill-volonta' taghha. Cioe d-decizjoni tad-dwana taljana li ma jghabbux t-trailer.

c) Fl-ahharnett is-socjeta' konvenuta qed isostni li minkejja d-dewmin kkawzat minhabba l-intervent tad-dipartiment tad-Dwana hija ghamlet l-animu taghha biex ma tigrix hsara fil-merkanzija.

Barra minn hekk is-socjeta' konvenuta qed toggezzjona ghal kwantifikazzjoni tad-danni pretizi mis-socjeta' attrici u tkompli tghid li fi kwalunkwe kaz dawn id-danni ghandhom jigu regolati b'dak li tipprovdi s-CMR Convention.

Ikkunsidrat:-

a) **Assunzjoni tar-riskju.**

Is-socjeta' konvenuta hija fin-negozju tat-trasport. Bhala tali hija ghandha r-responsabbilita' li tiehu konsenja tal-merkanzija li tkun ikkuntrattat li ggor minn post ghall-iehor, li tissalvagwarda din il-merkanzija waqt li tkun fil-pussess taghha u li tikkunsenja l-istess merkanzija fli stat bhal ma giet ikkunsenjata lilha. Mill-mument li l-merkanzija tghaddi f'idejn is-socjeta' konvenuta mhux mistenni li sidha jippartecipa fil-preparamenti tat-tragit jew il-modalita' ta' kif dan jigi ezegwit. B'dana kollu sid il-merkanzija ghandu l-obbligu li jinforma lill-'carrier' bin-natura tal-merkanzija u b'dawk il-prekawzjonijiet mehtiega minhabba n-natura partikolari tal-istess merkanzija. Dana sabiex l-'carrier' jkun jista' jiehu dawk il-mezzi kollha xierqa biex jaqdi dmiru sewwa. Mill-provi prodotti jirrizulta li dan l-obbligu s-socjeta' attrici qdietu billi l-konvenut kien jaf x'tip ta' merkanzija kien ser jittrasporta u kien ukoll konxju mill-fatt li din hija merkanzija delikata li jew tirrekjedi mezzi adegwati bhal container refrigerat jew zmien qsir fit-tragit.

Qed jinghad li s-socjeta’ konvenuta ma kienetx attrezzata b’apparat idoneu ghat-trasport ta’ xtili u dana billi ma kelliex ‘trailers’ refrigerati. B’dana kollu jirrizulta li l-istess socjeta’ konvenuta accettat l-inkarigu billi kien hemm qbil li kemm-il darba l-container jasal Malta fi zmien erbat ijiem ma tigri ebda hsara fil-merkaznija.

L-artikolu 1038 tal-Kodici Civili jiddisponi li “*Kull min minghajr ma jkollu l-hila mehtiega jindahal ghal xoghol jew servizz, hu obbligat ghall-hsara li, minhabba n-nuqqas ta’ hila tieghu, jikkaguna lill-haddiehor.”* Dan l-artikolu jipprospeta propju l-kaz sotto ezami billi s-socjeta’ konventa ‘ex admissis’ taccetta li hi ma kellhiex l-apparat idoneo biex taghti s-servizz mitlub. Ghalhekk proprjament s-socjeta’ konvenuta gja qedha in colpa u jispetta lilha li tressaq provi konkreti biex twarrab din il-prezumzjoni.

F’dan ir-rigward is-socjeta’ konvenuta tghid li s-socjeta’ attrici assumiet r-responsabbilita’ ghal dak li jista’ jigri. Din l-allegazzjoni hija kompletament michuda mis-socjeta’ attrici. Jidher pero’ li hemm qbil li kemm-il darba l-merkanzija tasal Malta f’erbat ijiem l-hsara ma kienetx tigri. Issa jirrizulta li din l-assikurazzjoni nghatat mis-socjeta’ konvenuta billi mid-dokumenti a fol 41 u 43 konsistenti fi Freight Notice/Notice of Arrival tal-merkanzija in kwistjoni rilaxxati mis-socjeta’ konvenuta jirrizulta li l-merkanzija kellha tasal Malta fl-10 ta’ Ottubru 1995 u cioe erbat ijiem wara li din titghabba fuq il-Container. Ghalhekk jidher li anke jekk kien hemm xi dikjarazzjoni mis-socjeta’ attrici dwar riskji fit-trasport din setghet biss kienet tkun marbuta mal-garanzija li l-istess merkanzija kellha tasal Malta f’erbat ijiem fliema perjodu certament ma kienetx tigir hsara.

b) **L-intervent tat-terz.**

Is-socjeta’ konvenuta qed isostni li fi kwalunkwe kaz id-dewmin fil-konsenja tal-merkanzija ma kienx tort taghha izda minhabba d-decizjoni tal-ufficjal tad-Dwana taljan li ma jghabbix l-‘container’ in kwistjoni li eventwalment kellu jigi Malta fuq bastiment iehor xi sitta jew sebat ijiem tard.

Gie rilevat mill-konvenut li dewmin fit-trasport minhabba ragunijiet doganali hija haga li tista' tigri f'kull trasport. Huwa minnu li kif jipprovdi l-artikolu 1029 tal-Kodici Civili li *kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, ….. dak li fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.* Donnu li l-konvenut qed jibbaza l-argument tieghu ta' nuqqas ta' responsabbilita' fuq dan il-principju legali u dana billi l-istess konvenut ma kellu ebda kontroll fuq dak li gara. Din il-Qorti pero' ma tikkondividix din l-eccezzjoni u dana principalment ghal zewg ragunijiet.

Fl-ewwel lok l-ammissjoni tal-istess konvenut li dewmien simili jista' dejjem jigri f'kull trasport jindika x-xjenza tal-istess konvenut in materja. Kien ghalhekk obbligat li jgieb dan il-fatt a konjizzjoni tal-attur biex dana jkun f'posizzjoni ahjar li jeddecidi dwar t-tip ta' trasport li kien ser jigi adottat. Jidher li l-konvenut naqas minn dan l-obbligu. Issa l-artikolu 1032 tal-Kap 16 jiddisponi li '*jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*' Il-fatt li l-konvenut, konxju tal-problemi doganali li jistghu jintaqghu maghhom waqt it-trasport u d-dewmin li dawn jistghu jipproducu, ma avzax lill-attur b'dan, juri nuqqas ta' prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Fit-tieni lok jirrizulta li l-incident doganali fil-Port ta' Livorno sehh minhabba xi nuqqas ta' l-agent tal-konvenut billi dan jew ma kellux t-timbri mehtiega jew dawn kienu f'post fejn mhux suppost. Is-socjeta' konvenuta bhala l-mandanti tal-persuna gewwa l-Italia li hadet hsieb dan il-'container' hija responsabbli ghall-agir u/jew nuqqasijiet tal-mandatarju taghha.

c) **Prekawzjonijiet.**

Qed jigi sottomess li s-socjeta' konvenuta ukoll ma ghandhiex tigi mizmuma responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici billi meta rrizulta li kien ser jkun hemm dewmin hija hadet il-prekawzzjonijiet kollha mehtiega sabiex tevita kull hsara. F'dan ir-rigward ma hemmx certezza dwar meta effettivament il-container iddahal f' "refrigerated compound". Biss jigi osservat li fil-fatt il-hsara

grat u ghalhekk jirrizulta li kull tentattiv da parti tas-socjeta' konvenuta biex tevita danni kien jew intempestiv jew mhux idoneu.

Ikkunsidrat:-

Dwar il-quantum tad-danni xhed John Agius rappresentant tas-socjeta' attrici li wkoll ppresenta statement ta' kif s-socjeta' minnu rappresentata waslet ghas-somma ta' LM7790.37. In effetti mill-kwantitajiet importati ma huwiex kkontestat li kien hemm hsara konsiderevoli. In effetti anke saret proposta ta' transazzjoni mis-socjeta' konvenuta ghal hlas ta' ammont. (Din l-offerta wkoll ixxejjen l-eccezzjonijiet taghhom dwar l-assenza ta' responsabbilita'). Mhux biss izda mix-xhieda ta' Joseph Sgendo, ufficjal tad-Dwana li kien presenti waqt li nfetah il-container u nharget il-merkanzija, jirrizulta li minn konsenja wahda ta' tlett palletts ta' 136 kartuna f'kull pallett kien hemm 40 kartuna danneggati. Mentri f'konsenja ohra ta' 105 kartuna kien hemm 108 kartuniet danneggati.

John Agius spjega li d-danni sofferti mis-socjeta' attrici kienu jikkonsistu fl-ewwel lok mit-telf ta' parti mil-merkanzija konsistenti f' 97,957 xtili kompletament distrutti li, bejn il-prezz tal-akkwist u l-profitt fuq il-bejgh, kienu jwaslu ghal cifra ta' LM5485.59 bhala telf. Barra minn hekk is-socjeta' attrici, jghid ix-xhud, kellha tirrimpjazza kwantita ta' xtili billi dawk li gew 'delivered' lill-konsumatur mill-konsenja originali, regaw gew irtirati. Dan fl-ammont ta' LM2004.78. Fl-ahharnett x-xhud jsostni li s-socjeta' attrici hallset is-somma ta' LM300 spejjes ghas-'sorting' tal-merkanzija biex tigi separata dik il-hazina minn dik salvabbli.

Is-socjeta' konvenuta tikkontesta din il-likwidazzjoni tad-danni billi isostni li l-ammonti indikati mhux sorretti b'ircevuti u li fi kwalunkwe kaz qatt ma inhatar espert komputista biex jivverifika l-kwantitattivi. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta fir-rigward billi qatt ma seta' kien hemm ircevuti ta' merkanzija li kellha tintrema. U fit-tieni lok jidher li matul s-

smiegh tal-kawza l-istess socjeta' konvenuta ttrattat b'mod legger dan l-aspett tal-kwistjoni. In effetti jidher li l-istess kontro ezami maghmul lix-xhud in kwistjoni kien inkonklussiv u fl-istess hin jigi rilevat li ghal dak li hu valur tal-merkanzija importata u distrutta din tirrizulta mid-dokumenti gja ezebiti u senjatament l-fatturi tad-ditti li esportaw l-merkanzija lis-socjeta' attrici, dokumenti doganali u dawk tal-istess socjeta' konvenuta.

Illi fir-rigward tal-hatra ta' espert komputista din l-Qorti ma taqbilx li din biss setghet taghmel prova tad-danni billi mix-xhieda ma kienx jidher il-htiega ta' tali nomina u fi kwalunkwe kaz lanqas ma intalbet mill-konvenut.

Illi fl-ahharnett is-socjeta' konvenuta qed isostni li kwalunkwe ammontar tad-danni li hija tista' tigi mizmuma responsabbli thallas ghandu jigi regolat bil-provedimenti tas-CMR Convention. Din il-konvenzjoni tipprospetta kazi ta' ezenzjoni minn responsabbilita' tal-carrier kif ukoll limitazzjoni tal-kumpens li ghandu jithallas. Din il-Qorti pero' tosserva li ghal dik li hija responsabbilita' l-carrier jista' jehles mill-obbligu ta' hlas tad-danni kemm-il darba jirrizulta li dawn id-danni kienu rizultat ta' fattur indipendenti mill-volonta tieghu, pero' kif rajna aktar il-fuq jirrizulta li l-hsara in kwistjoni kienet rizultat dirett ta' nuqqasijiet tas-socjeta' konvenuta. Din ghalhekk ma tistax tressaq id-difiza li tipprovdi l-istess konvenzjoni. Daqstant, fil-fehma ta' din il-Qorti ma ghandhomx japplikaw l-limitazzjonijiet fil-kwantifikar tad-danni.

Illi dwar l-ammont li s-socjeta' konvenuta tghid li ghandha tiehu ghas-servizz provdut minnha ma tistax t'opera t-tpcija billi dan l-ammont ma huwiex cert, likwidu u dovut ghas-semplici raguni li s-socjeta' attrici qed isostni b'dawn il-proceduri li s-sevizz ma kienx moghti tajjeb. Din l-allegazzjoni ghandha l-effett ta' kontestazzjoni tal-kont ghall-istess servizz. Inoltre lanqas ma tista' din il-Qorti tezamina jekk l-ammont pretiz huwiex vera ment dovut jew jekk huwa dovut parti minnu billi ma giet mressqa ebda kontro talba ghal dan il-ghan.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tilqa' t-talbiet attrici tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici billi naqset li tezegwixxi l-obbligi taghha skond is-sengha u l-arti u bhala konsegwenza kkawzat hsara fil-merkanzija tas-socjeta' attrici, tillikwida dawn id-danni fis-somma komplessiva ta' sebat elef seba' mija u disghin lira maltin seba u tlettin centezimu (LM7790.37) u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni bl-imghax legali mil-lum u bl-ispejjes tal-kawza.

Onor Imhallef Albert J. Magri